MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2004

Numru 474/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin J. Farrugia**
**V**

**FRANCIS FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Rat lil akkuzati **FRANCIS FARRUGIA** ta' wiehed u erbghin sena bin Edward u Theresa nee` Barbara mwieled fil-Hamrun fit-tnejn ta' Lulju 1961 li joqghod Block A, Flat 6, Qasam Bini tal-Gvern, Laqxija, B'Kara, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 429061M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-sbatax ta' Marzu 2002 ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija fl-isptar San Luqa:

1. Ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Doctor Jonathan Joslyn MD bhala persuna nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku hekk kif

iccertifika Doctor C. Attard MD fil-Casualty Department tal-Isptar San Luqa;
2. Talli kiser il-bon ordni w il-paci pubblika b'ghajjat u glied;
3. Talli hedded verbalment lil istess Doctor Jonathan Joslyn b'delitt;
4. Hedded verbalment lil Christopher Borg li ghandu numru tal-karta tal-identita numru 0578876M b'delitt;
5. Talli ghamel resiztenza bi vjolenza jew b'hebb ta'xorta li ma jitqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skond lpligi minn servizz pubbliku u cioe kontra Christopher Borg waqt li kienqed jagixxu fhall-esekuzzjoni tal-ligi;
6. Talli kiser il-kundizzjonijiet tal-Att 9 tal-Kap 152 meta kien gie misjub hatio ta' reat u kien gie mehlus b'kundizzjoni ghal tlett snin mid-datata tas-sentenza tat-tmienja w ghoxrin ta' Mejju 2002 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati;
7. Talli sar recidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.
Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni ta' Doctor Jonathan Joslyn u Christopher Borg ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti inkluz l-kunsens tal-Avukat Generali esibit a fol 12 datat tnax ta' Gunju 2002 sabiex dawn il-proceduri jitmexxew bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja nhar t-tmintax ta' Lulju 2002 u cioe fid-data meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif jirirzulta a fol 15 tal-atti odjerni.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-ewwel [1], t-tieni [2], s-sitt [6] w is-sebgha [7] akkuza kif registrat fl-atti fis-seduta tal-hdax ta' Ottubru 2004 fil-presenza tal-Avukat Difensur tieghu liema ammissjoni hija wahda voluntarja,

spontanea w inkondizzjonata u giet registrata wara li l-istess imputat nghata zmien xieraq biex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu.
Illi fuq tali ammissjoni il-Qorti ghalhekk ssibu hati ta' dawn l-istess erbgha akkuzi.

Illi dwar l-akkuzi l-ohra, u cioe t-tielet [3], r-raba [4] w il-hames [5] akkuza, din il-Qorti kellha ghalhekk tifli x-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni biex tara jekk effettivament jirrizultawx ppruvati jew le.

Illi **nhar t-tmintax ta' Lulju 2002 u nhar s-sebgha ta' Lulju 2004 xehed Doctor Jonathan Joslyn** [a fol 16 et seq u fol 88 tal-atti] fejn spjiega li nhar s-sbatax ta' Marzu 2002, huwa hareg mal-ambulanza biex jaghti ghajnuna lil persuna li kienet midruba. Huwa wasal Paceville u sab ragel ta' eta zghira ta ftit aktar minn ghoxrin sena, li kien qed jipprova jiehu n-nifs. Dan kellu daqqa ta' sikkina u qalbu kienet ser tieqaf minhabba l-feriti li sofra. Illi l-imputat qabad u rikeb mieghu fl-ambulanza kontra l-istruzzjonijiet tieghu u meta l-ambulanza waslet l-isptar, l-imputat haseb li l-pazjent, li kien hemm fuq l-istretcher, kellu rasu baxxuta zzejjed u kien ser jaqa u ghalhekk qabdu minn ghonqu u girfu fuq n-naha tal-lemin. Wara tah wkoll daqqa ta' ponn fuq ix-xellug w imlieh bid-demm. Mistoqsi jekk l-imputat hebbx ghal Christopher Borg [fol 24] t-tabib wiegeb li ma jafx ghalkemm qal li Christopher Borg kien in-nurse li gibed lil imputat minn fuqu biex jkompli jassisti lil pazjent li kien qed imut.

Illi **nhar l-erbatax ta' Settembru 2002 xehed Christopher Borg** [a fol 48 tal-atti] u **ghal darb'ohra nhar l-ewwel ta' Settembru 2004** [a fol 93 et seq] fejn qal li huwa jahdem bhala nurse fl-isptar San Luqa u darba minnhom kienet waslet ambulanza fejn gie allegat li kienet qed iggorr pazjent li kien involut fi stabbing. Huwa ghalhekk, hareg mill-emergenza biex jiltaqa mal-ambulanza u fil-hin semgha tgegwigija u storbju bejn zewg minn nies. Qal li hu ra lil imputat Francis Farrugia jattakka lit-tabib li kien qed jaghmel CPR [cardio-palmonary resuscitation] fuq pazjent li kien kwazi mejjet. Huwa ittanta jigbed lil imputat minn mat-tabib pero ma

rnexxilux. Fil-fatt fil-pront l-imputat kien ser jaghtih daqqa ta' ponn. Huwa ddefenda ruhu, gibdu bis-sahha u tefghu mal-art. Sussegwentement beda jheddu li kien ser isibu barra u joqtlu u beda jinsulentah b'mod vulgari. Huwa spicca bi grif ta' portata zghira. Qal li fil-fatt il-pazjent li kien fl-isptar kien jigi mill-imputat u lahaq miet bhala rizultat ta' sbatax jew tmintax il-stab wound li kellu. Ikkonferma li l-imputat kellu riha ta' xorb dak l-hin, kien eccitat u vjolenti.

Illi **nhar l-erbatax ta' Novembru 2002 xehdet Audrey Micallef** [a fol 51 et seq tal-atti] ghan-nom tas-Supretendent tal-Isptar San Luqa fejn ikkonfermat li Doctor Jonathan Joslyn huwa tabib u dan mis-sena 1987 filwaqt li Christopher Borg, huwa Enrolled Nurse fid-Dipartiment tal-Emergenza w ilu jokkupa din il-kariga mis-sena 1999.

Illi **nhar l-erbatax ta' Novembru 2002 xehed is-Supretendent Joseph Valletta** [a fol 53 tal-atti] u esibixxa sentenza moghtija nhar t-tlieta ta' April 1992 mill-Magistrat Dottor Antonio Mizzi fil-konfront tal-imputat odjern immarkata bhala dokument PV fejn ikkonferma l-identita tal-imputat odjern imsemmi f'dik is-sentenza.

Semghet nhar l-wiehed u ghoxrin ta' April 2004 [vide fol 85 tal-atti] lil Avukat Difensur jiddikjara li l-imputat jezenta lil Prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq xhieda tal-identita fil-konfront tal-imputat odjern ghar-rigward s-sentenzi esibiti a fol 39 moghtija mill-Magistrat, illum Imhallef Gino Camilleri datata tmienja w ghoxrin ta' Novembru 1990, sentenza ohra moghtija minn din il-Qorti kif preseduta datata tmienja w ghoxrin ta' Mejju 2002 markata bhala dokument Z a fol 66 tal-atti, sentenza moghija mill-allura Magistrat Dottor Patrick Vella nhar t-tnejn ta' Dicembru 1994 a fol 81 et seq tal-atti, sentenza ohra datata tnejn ta' Dicembru 1994 mill-istess allura Magistrat Dottor Patrrick Vella esibita a fol 83 et seq tal-atti.

Illi l-imputat ma xehdtx f'dawn il-proceduri ghalkemm irrilaxxja stqarrija li tinsab esibita fl-atti a fol 37 markata bhala dokument FF 1 fejn ikkonferma li dakinhar tas-

sbatax a' Marzu 2002 huwa kellu xi jghid ma xi hadd bit-toppu li l-Qorti setghet tikkonstata kien in-nurse Christopher Borg, li xehed il-Qorti. Tant fil-fatt kellu xi jghid li qal li gew in-nies biex iferquhom. Qal li spicca b'daqqa ta' ponn minghand in-nurse u kellu bzonn xi punti.

Ikkunsidrat:

Illi dwar l-ewwel [1], t-tieni [2], s-sitt [6] w s-sebgha [7] akkuza, il-Qorti mhux ser tikkummenta stante l-ammissjoni tal-imputat fuq imsemmija.

Dwar l-akkuzi l-ohra, u cioe dik li hedded verbalment lil Christopher Borg u talli hebb ghalih din il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda moghtija minn Christopher Borg stess li ma hiex michuda mill-imputat u cioe ghal dik il-parti fejn qal li l-imputat hebb ghalih u beda jheddu li ser isibu barra u joqtlu. L-imputat stess fil-fatt jghid li gie fl-idejn mieghu tant li kellhom ikunu n-nies li jferquhom.

Illi dwar t-tielet akkuza, pero din ma tirrizultax ppruvata u ghalhekk l-Qorti ma ssibux hati taghha.

Il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 49, 50, 221, 338(m), 339(1)(d), u 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 21 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena il-Qorti rat li l-imputat tilef r-ragel ta' bintu proprju f'dak il-hin li hebb ghan-nurse w it-tabib u l-feriti li kkaguna kienu ta' natura hafifa. Illi rrizulta mill-provi u proprju mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni stess li l-imputat kien agitat w emozzjonat hafna u fil-fatt spicca wkoll ferut u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi partikolari u bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ma thossx li ghandha timponi piena karcerarja izda multa fil-massimu taghha.

**Ghalhekk wara li l-Qorti tiddikjara li ssib lil imputat FRANCIS FARRUGIA hati tal-akkuzi kollha salv t-tielet akkuza mill-liema akkuza tilliberah, tikkundannah ghal hlas ta' multa massima ta' hames mitt lira maltin.**

**Il-Qorti qed taghti l-fakulta lil imputat jhallas il-multa inflitta f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin lira maltin b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mit-tletin ta' Ottubru 2004 u dan ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan tobbligah ai termini tal-artikolu 383(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li ma jimmolestax, ma jigurjax, ma jhebbx u ma jinsulentax lil Doctor Jonathan Joslyn u Christopher Borg ghal perjodu ta’ sena mill-lum taht penali ta’ mitt lira fin-nuqqas.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------